FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 03 TA' AWISSU 2016

Il-Pulizija

(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Gilmore Cachia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat tal-karta tal-identita' numru 38386m, akkuzat talli fit-22 ta' Marzu 2009 ghal habta tal-11.45pm fi Triq Tal-Barrani, Tarxien waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBG217:

1. fi triq regolata b'sinjali ta' dawl ta' traffiku ta' vetturi, naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber;
2. saq jew ipprova isuq jew kellu kontroll ta' vettura numru JBG217 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
3. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura imsemmija hawn fuq fi triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt u ammonta ghal 72m/g fit-tieni test gewwa l-kwartieri generali tal-Pulizija;
4. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habatt ma' vettura FEB678 u ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kevin Grech skond kif iccertifikat Dr Rodianne Bonnici M.D u Dr Rosalie Aquilina mill-isptar Mater Dei;
5. saq l-imsemmija vettura JBG217 meta kien sospiz mill-licenzja tas-sewqan u waqt li kien qieghed jiskonta skwalifika milli jsuq vettura b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti Kriminali (Malta) datata 31/07/2008;
6. saq l-istess vettura minghjr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita dwar it-Trsport ta' Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura;
7. saq l-istess vettura imsemmija hawn fuq minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni;

Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv meta ghamel reati ohra wara li gie ikkundannat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Malta) nhar il-31/07/2008;

Il-Prosekuzzjoni tablet li tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jiehu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat li insista fuqha anke wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Rat ix-xhieda li gabet il-prosekuzzjoni konsistenti f'tlett affidavits tal-pulizija;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni tal-imputat anke jekk fi stadju inoltrat tal-proceduri flimkien mal-affidavits esebiti jippruvaw bi-shih l-akkuzi riportati kontra tieghu;

Fir-rigward ghall-piena:

Rat ir-Regolamenti ghal Vetturi tal-Mutur Avviz Legali 128/94 regolament ; l-Artikolu 15(1)(a)(3), 15A, 15B u 59 tal-Kap 65; l-Artikolu 3 tal-Kap 104, l-Artikolu 226, 49,50, 17(b)(d) u 30(2) tal-Kap 9 – dan l-ahhar artikolu invokat mid-difiza u ghal liema l-prosekuzzjoni ma oggezjonatx.

Issibu u tiddikjarah hati tal-akkuzi kollha riportati kontra tieghu u tikkundannah €3500 komplessivament.

A.M.Trigona

Magistrat